# KAPPELLI U KNEJJES ŻGĦAR FIL-MOSTA: SAN ANTON ABBATI

*minn Tony TERRIBILE*



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Il-knisja ta' San Anton Abbati li nbniet fl-1657.*

F'din is-sensiela li fiha qegħdin inżuru kappelli u knejjes żgħar tal-Mosta din is-sena jmissna nżuru l-knisja ta' San Anton Abbati.

Meta l-kuratur li jieħu ħsieb din il-knisja, Franġisku Tonna, wassalni u fetaħli din il-knisja ħelwa, għal darb'oħra rġajt ikkonfermajt kemm dawn il-knejjes żgħar huma marbuta ma' qalb in-nies tal-Mosta.

San Anton hi knisja oħra miżmuma tajjeb, użata u kompluta b'kollox. Dawn il-ħwejjeġ flimkien jikkonfermaw dan li qegħdin ngħidu u, bit-tama li nkabbru l-imħabba lejn din il-knisja, hu xieraq li ngħidu fil-qosor ġrajjietha.

Kitba fuq il-bieb minn ġewwa tifthilna ġrajjiet din il-knisja. Fiha naqraw li fl-1657 Dun Salvatore Fenech u Florio Borg bnew din il-knisja mill-ġdid għax qabilha kien hemm oħra, tant li meta fl-1575 Monsinjur Dusina żar il-Mosta żar ukoll din il-knisja ta' San Anton Abbati.

M'għandniex xi ngħidu mal-mixja tas-snin din il-knisja nbidlet kemm il-darba sakemm inbniet din li naraw illum. Hawnhekk għandna eżempju ta' knisja qadima mibnija fuq numru ta' ħnejjiet u msaqqfa bix-xorok.

L-isqfijiet li żaruha, mal-mixja tas-snin, dejjem sabuha fi stat tajjeb. Hekk sabha l-Isqof Alpheran de Bussan fl-1745. Fir-rapport ta' din il-viżta nsibu numru ta' dettalji interessanti marbuta maċ-ċelebrazzjoni ta' quddies fil-Ħdud u l-festi u kif f'dawn il-granet kien jinxtegħel il-lampier ta' quddiem l-altar. Skond dan l-isqof, il-festa kienet tiġi ċċelebrata fis-17 ta' Jannar bil-kant ta' l-Għasar u bil-quddiesa kantata. Il-knisja kellha wkoll ir-rettur tagħha.

Dawn id-dettalji jgħinuna biex nifhmu kif mill-imgħoddi din il-knisja kellha parti importanti fl-istorja soċjali ta' dan ir-raħal u għalhekk jekk illum din il-knisja hija miżmuma tajjeb u maħbuba mill-Mostin dan hu l-frott ta' l-imgħoddi.

Kif inhu xieraq, il-parti prinċipali ta' din il-knisja hija ddedikata lill-altar maġġur, li fuqu naraw prospettiva sabiħa tal-ġebel. Jingħad li hija xogħol ta' Antonio Sciortino. F'nofsha naraw il-kwadru ta' San Anton Abbati mpitter minn Filippo Dingli fl-1657.



*Il-kwadru titulari tal-knisja, impitter minn Filippo Dingli fl-1657.*

Fuq kull naħa ta' dan il-kwadru wieħed josserva żewġ kwadri iżgħar li jidher li huma xogħol Malti tas-seklu tmintax. F'wieħed minnhom naraw l-inkurunazzjoni tal-Madonna u fl-ieħor lil Qalb ta' Ġesu flimkien ma' Sant'Antnin ta' Padova u San Gejtanu. Hu kopja ta' kwadru ferm ikbar u iktar artistiku li jinsab fil-parroċċa tal-Furjana. Fil-parroċċa tar-Rabat insibu l-abbozz tiegħu.

F'din il-knisja nsibu żewġ statwi żgħar iżda interessanti. L-ewwel waħda tirrappreżenta lil San Anton Abbati. Din inħadmet mill-kartapesta fis-snin sittin minn Manwel Fenech. L-oħra hi eqdem u hi ta' l-injam. Fl-imgħoddi kienet tagħmel parti mill-pulptu tal-knisja l-qadima.

Barra dawn iż-żewġ statwi, fis-sagristija ta' din il-knisja wieħed josserva Bambin tal-Milied magħmul mill-kartapesta, biċċa xogħol sabiħa ta' Carlo Darmanin. Fl-imgħoddi kien jintrama fil-parroċċa fil-jiem tal-Milied.



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*L-altar tal-Kappella ta' San Anton armat fl-okkażjoni tat-tlett mitt sena minn meta saret l-istatwa tal-Konċizzjoni.*

Din il-knisja hi kompluta b'kollox saħansitra b'Via Sagra mpittra minn Pawlu Camilleri Cauchi. Illum f'din il-knisja għadu jsir b'mod regolari l-quddies fil-Ħdud u l-festi u l-festa tal-qaddis għadha tiġi ċċelebrata kull sena. Għaliha jattendu bosta nies, l-aktar għat-tberik ta' l-annimali u għat-tqassim tax-xgħir.

Fl-imgħoddi fil-purċissjoni ta' Corpus, li allura kient tgħaddi minn dawn l-inħawi, f'din il-knisja kienet issir ċelebrazzjoni Ewkaristika.

Meta wieħed ikun dieħel il-knisja ta' San Anton, tolqtu statwa kbira tal-ġebel li tirrappreżenta lill-Madonna tal-Karmnu. Fl-imgħoddi din l-istatwa kienet meqjuma f'niċċa fi Triq il-Kungress Ewkaristiku. Wara li ġiet mogħtija mill-familja Degiorgio, din sabet postha fuq iz-zuntier ta' din il-knisja. In-niċċa li għandha llum kienet saret għas-spejjeż tal-familja Vassallo.

Dun Salv Magro, li għal numru ta' snin ilu jaqdi l-ministeru pastorali tiegħu f'din il-knisja, is-sena l-oħra, fl-1996 għalaq ħamsin sena saċerdot. Biex dan l-anniversarju ma jintesiex, fil-pjazza ta' qrib din ill-knisja waqqaf statwa kbira tal-ġebel f'ġieħ dan il-qaddis. Din inħadmet minn Tarcisio Montebello u ħallasha s-Sur Ġużeppi Grech. Il-kxif u t-tberik tagħha saru fil-festa ta' San Anton Abbati tas-sena 1997.

Kif rajna l-knisja ta' San Anton Abbati, meqjuma b'għożża kbira mill-Mostin, hi ħolqa ta' ġrajjiet storiċi u kulturali marbuta ma' dan ir-raħal sabiħ.

*Tas-Sliema, 9 ta' Ġunju,1997.*